4 ta' Frar 2018
20/2018

# ARĊIPRIET ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TAL-FURJANA

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Charles Cini bħala l-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Publiju, il-Furjana.

Dun Charles Cini twieled fl-10 ta' Ġunju 1972. Irċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja ta' St Jeanne Antide, il-Gudja, l-edukazzjoni sekondarja fil-Kulleġġ Santu Wistin, il-Pietà, u dik post-sekondarja fil-Kulleġġ De La Salle, il-Birgu. Kompla l-istudji terzjarji fil-Fakultà tat-Teoloġija (Filosofija u Teoloġija) fl-Università ta' Malta.

Dun Charles ġie ordnat saċerdot fit-28 ta' Lulju 2002. Beda l-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa ta' Kristu Re, Raħal Ġdid u fl-2003 beda jservi bħala viċi kappillan fil-Parroċċa ta' San Filep, Ħaż-Żebbuġ. Bejn l-2006 u l-2010 serva bħala kappillan fid-Djoċesi ta' Savona, l-Italja. Wara li ġie lura Malta, serva bħala viċi kappillan fil-Parroċċa ta' Ħal Luqa għal għaxar snin. Fl-2017 inħatar assistent direttur ta' Dar l-Emigrant.

Il-Parroċċa tal-Furjana tiġbor fiha madwar 2,000 persuna f'850 familja.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**